MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Numru 478/1999

**Il-Pulizija**
**Supretendent Martin Bayliss**
**V**

**JONATHAN ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JONATHAN ATTARD** ta' ghoxrin sena bin John u Mary Ann nee Farrugia, imwieled H'Attard nhar t-tmienja ta' April 1979 u residenti St. George's Flats, Flat B, Triq t-Turisti, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 182679M gie mressaq quddiemha akkuzat talli l-erbatax ta' April xi hin bejn il-hdax u nofs ta' bil-lejl u nofs il-lejl, fi Triq Bellavista, San Gwann,

1. Voluntarjament ta' n-nar lil dar, mahzen, hanut jew dar t'abitazzjoni jew bini iehor jew xi li iehor u cioe billi qabbad l-bieb ta' barra tar-residenza ta' Alfred Agius u cioe liema residenza tinsab f'numru 16, Anchor Court, Triq Bellavista, San Gwann, meta huwa setgha

jobsor li f'dak l-waqt gewwa l-istess residenza kien hemm s-sid Alfred Agius u membri ohra tal-familja tieghu;

2. Talli fl-istes data, lok, hin u cirkostanzi, hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi haraq l-bieb ta' barra ta' residenza kif wkoll ghamel hsara ohra ghad-dannu ta' Alfred Agius liema hsara teccedi l-mitt lira maltin izda ma teccedix l-hamest elef lira maltin;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huwa ghamel u xjentement zamm jew kllu ghandu jew taht l-kontroll tieghu xi sustanza esplussiva taht dawk ic-cirkostanzi li jaghti ghaliex wiehed gthandu bir-ragun jahseb li huwa ghamel, zamm jew kien ghandu ghal hsieb mhux lecitu;

4. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni lli ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-deliitt billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-familja Agius billi xerred u qabbad xi sustanza jew likwidu li jisplodi jew li jinharaq jew li huwa korriuziv fuq il-bieb tar-residenza tal-imsemmi Alfred Agius u martu u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] [Awla 7] fejn fit-tmienja ta' Ottubru 1977, kien gie mmultat is-somma ta' erbgha mija u hmistax il-lira maltin wara li nstab hati dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, kif wkoll b'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta][Awla 11] nhar d-dsatax ta' Dicembru 1997 kien gie mmultat is-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin wara li kien nstab hati dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, kif wkoll b'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta][Awla 11] nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1999 kien gie mmultat is-somma ta' mitejn u hamsin lira wara li gie misjub hati dwar ksur tar-Regolament tat-Traffiku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' April 2000 sabiex skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali tiddecidi fuq l-akkuza ta' din il-htija fin-nuqqas ta' oggezjoni da parti tal-imputat.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnejn w ghoxrin ta' Gunju, 2000 a fol 162 tal-atti odjerni.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2003 kif jirrizulta a fol 245 tal-atti.

Illi din l-ammissjoni giet registrata wara li l-imputat ghazel li jixhed b'mod voluntarju u minn jeddu u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' April 2000 [fol 153].

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 l-imputat talab n-nomina ta' Porobation Officer sabiex tohrog pre sentencing report dwaru u ghal dan l-ghan fl-istess seduta il-Qorti nnominat lil Carmen Borg.

Illi **fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2001 xehdet Carmen Borg** w infurmat lil Qorti li hasset il-hgiega li jigi nominat psikologu sabiex jara l-interess tal-imputat u seduta stante l-Qorti nnominat lil psikolga Joan Bugeja.

Illi **fit-tnax ta' Marzu 2001 xehdet Joan Bugeja** fejn spjiegat li l-imputat ghandu problemi u difetti fil-personalita tieghu. Ghandu personalita narcisistika, billi isibha difficili jhoss ghal haddiehor. Huwa konxju minn dak li ghamel, ghalkemm ma jhossx li ghandu htija ghal hsara li

kkaguna. Huwa bniedem b'karattru ostinat u cioe jekk jdahhal xi haga f'mohhu, diffcili jbiddel fhemtu. Ghandu problema ta' re-active delinquency. In oltre, l-imputat ghandu problema ta' tehid ta' xorb eccessiv u dan l-fattur jaggrava l-problemi tieghu.

Din ix-xhud kompliet tispjiega li l-imputat kellu trobbija xejn felici, ghaliex l-familja tieghu sfaxxat fix-xejn u dan il-fattur influwenzah hafna. Qalet li huwa bniedem separat u dan biss tmien xhur wara z-zwieg u ghandu zewgt itfal minuri.

Dwar il-karattru tieghu hija sostniet li ghandu karattru impulsiv, egoist u ghandu effetti eccessivi u narcisistici fil-personalita tieghu. Huwa ndifferenti ghal kollox ghal bzonnijiet ta' terzi ghalkemm ma jbatix minn pyromania.

**Il-Probation Officer Carmen Borg xehdet nhar t-tnejn ta' April 2001** fejn ippresentat r-relazzjoni taghha li tinsab inserita fl-atti a fol 187.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel u cioe li ta n-nar lil bieb ta' Alfred Agius, fuq ordni ta John Cassar li qallu li kien lest li jirrangalu l-karozza bla hlas jekk jaghmel dak ordnat minnu, u minhabba s-sitwazzjoni prekarja finazjarja tieghu, huwa accetta.

Illi fil-fehma taghha l-imputat ghandu jircievi piena sabiex jpatti ta' ghemilu u jsir haqq mal-vittma ta' dan r-reat. Fil-fehma taghha f'kaz li din il-Qorti taghti ordni ta' probation, ghandu jigi emfasizzat kemm l-element ta' karattru kif wkoll l-element ta' rihabilitazzjoni.

**Nhar d-disgha ta' Gunju 2003 ili-Probation Officer Carmen Borg esibit update** ghal pre sentencing report li kienet ippresentat qabel dan, li gie mmarkat bhala dokument JA.

Illi minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-imputat huwa bniedem testard, ma jitlobx konsulenza izda jinforma dak li jkun bid-decizjoni li jkun ha. Huwa dejjem ghandu relazzjoniet ma nisa differenti u dan qed jikkreja

nstabilita ghat-tfal minuri tieghu li jghixu mieghu wara li fi Frar 2003 harighom mill-Istitut tal-Ursolini u in effetti l-Agenzija Appogg qed tikkonsidra li tohrog Care Order fil-konfront ta' wlied l-imputat. Huwa wkoll jinsab disokkupat.

Il-Qorti nnominat wkoll huwa lil **Psikjatra Doctor Joseph Spiteri nhar t-tnejn ta' April 2001** sabiex jirrelata dwar l-istat mentali u psikjatriku tal-imputat. Huwa **kkonkluda** li l-imputat ghadda minn episodji fil-hajja tieghu fejn kellu hafna konflitt psikologiku li rrizulta f'konsum qawwi ta' alkohol. Pero ma jidhirx li ghandu alcohol dependence syndrome. Illi ma jistax jigi klassifikat bhala arsonost jew pyromaniac. Skond il-klassifika tal-Psikjatra, DSM - IV. Illi ma jirrizultax li l-alkohol setgha kellu xi effett fuq d-decizjonijiet li ha biex jaghmel r-reat in dezamina.

L-espert psikjarta kkonkluda li l-imputat ma jbatix minn xi mard psikjatriku akut izda l-effett trawmatiku tat-trobbija tieghu kif wkoll tal-adolixxenza tieghu, setghet halliet effett negattiv fl-imgieba tieghu.

**Illi l-imputat minn jeddu xehed nhar d-disgha ta' Gunju 2003,** w kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija li kien irrilaxxja lil Pulizija Ezekuttiva esibita fl-atti bhala dokument CSH 2a, a fol 13 et seq u zied jghid li minhabba il-qaghda finhanzjarja prekarja tieghu, lanqas ma ghmel tajjeb ghal hsarat li kkaguna.

Il-Qorti semghet wkoll lil vittma Alfred Agius u cioe jiddeskrivi t-trawma li ghadda minnha nhar l-erbatax ta' April 1999, meta qam u sab in-nar diehel mill-bieb ta' barra fil-kuridur ta' gewwa waqt li hu kien d-dar mal-mara tieghu.

Huwa spjiega li nefaq spiza ta' elf tlett mija tmienja w tletin lira u sitta w sebghin centezmu in konnessjoni mal-hsarat li sofra minhabba dan l-incident.

Illi dan l-ezercizzju kollu sar sabiex jghin lil Qorti tasal ghal piena idoneja li ghandha tinghata lil imputat.

Id-Difiza sostniet li l-Qorti ghandha tkun klementi mal-imuptat ghaliex l-imputat irregistra ammissjoni u li llum il-gurnata l-imputat ghamel progress f'hajtu.

Il-Qorti pero dwar din l-osservazzjoni li ghandha tkun klementi mal-imputat ghaliex irregistra ammissjoni, ma taqbilx u dan ghaliex ma hiex xi haga awtomatika li kull darba li l-akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih, allura qisu b'forma ta' dritt, huwa jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena.

Din hija haga fakultativa u tibqa dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti wara li tikkonsidra globalment u komplessivament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. [vide **Il-Pulizija v Raymond Abela** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 1999***].

Huwa veru li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi odjerni fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2003, pero frankament, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ftit li xejn setgha jaghmel mod iehor galadarba huwa ghamel l-istqarrija li ghamel u l-Prosekuzzjoni ressqet il-provi li ressqet. Nel frattemp kienu saru diversi seduti u cioe sitta w tletin wahda li fiha nstemghu diversi xhieda u gew esibiti diversi sentenzi ghal fini tal-imputatzzjoni tar-recidiva. Fi kliem iehor, kien biss wara li kienu nstemghu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni ai fini tal-procediment kontrih.

F'dan is-sens, ghalhekk, l-imputat ma ghen bl-ebda mod biex il-proceduri jigu konkluzi fi zmien kemm jista jkun malajr jew sabiex jigi ffranka il-hin tal-Qorti u ta' kulhadd.

Din il-Qorti tista biss tikkonkludi li huwa dam daqshekk biex jirregistra ammissjoni biex jipprova jigwadanja xi vantagg tattiku b'mod ghalhekk li din il-Qorti ma hiex propensa li tikkoncedi tnaqqis fil-piena a bazi tal-imsemmija ammissjoni tieghu tad-disgha ta' Gunju 2003.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Dicembru 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ivan Gatt**, illum, specjalment wara s-snin sittin,

l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent, qed jigi studjat u ricerkat u fil-fatt llum hemm l-iskola neo klassika fix-xjenza kriminologika li taghti importanza ghal aspett tad-deterrent, ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi ezemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effetti li jimpunixxi lil hati b'certa serenita li taht kull cirkostanza, ma tistax hlief tigi konsidrata eccessiva precizament ghaliex hlief isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

In realta s-serenita tal-piena ghal dak li huwa deterrent hija espressa fil-mizura ta' piena li tistabilixxi l-ligi stess, u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie u gravita partikolari tal-kaz, tara c-cirkostanzi relatati ghal hati u ta' fatturi u cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika u dik ta' perologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lil Qorti tiddecidi kif ghandha titratta mal-individwu li jkun nstab hati.

Il-piena pero m'ghandhiex tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor.

F'dan il-kaz, il-Qorti rat li l-imputat ghalkemm kellu xi xoghol waqt l-andament ta' din il-kawza, lanqas ipprova jaghmel tajjeb ghal hsarat li kkaguna u cioe li jikkumpensa lil vittma ghal agir abbusiv tieghu.

Il-Qorti tikkunsidira li dak li ghamel l-imputat huwa serju hafna ghaliex kieku l-vittma m'indunax bil-hruq, kien jispicca flimkien ma martu, fgat go daru u biex taggrava s-sitwazzjoni, ghall-ebda raguni ta' xejn u cioe ghaliex ghamel xogholu bhala ufficjal mal-ETC.

Ghalkemm jirrizulta li l-imputat kellu problema fit-trobbija tieghu pero ma jirrizultax li ghandu xi mard mentali; anzi jirrizulta li huwa bniedem impulsiv u jagixxi biss fuq il-fhemiet tieghu.

Il-Qorti tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tkun klementi fil-piena taghha; anzi ghandha tibghat messagg lis-socjeta ta' dawn it-tipi ta' reati u cioe li hruq huwa mistmerr u min jaghmlu ghandu jkollu stmerrija.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 316(b), 325, 313, 41(1)(a), 214. 215, 216, 217, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li tiddikjara li ssib lil imputat JONATHAN ATTARD hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat ghal piena karcerarja ta' hames snin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------